## JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2001

Educational Assessment Unit - Education Division

**IR-RABA' KLASSI** | **STORJA** | **Ħin: Siegħa u nofs**

**1. Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet.**

"Ix-xewqa tal-Maltin li jingħaqdu ma' l-Ingliżi seħħet fl-1814. Imma l-Maltin stennew li jkunu ttrattati aħjar milli fil-fatt kienu mill-Ingliżi. Huma stennew li jkollhom il-Kunsill Popolari, il-Liberta' ta' l-Istampa u 'Trial by Jury'. Matul is-seklu dsatax, diversi Maltin tkellmu f'isem sħabhom ħalli jaqilgħu dak li riedu mingħand l-Ingliżi. Minn żmien għal ieħor l-Ingliżi taw lil Malta xi kostituzzjoni… daqqa tajba u drabi oħra agħar minn ta' qabilha. Kellhom jistennew sa l-1921 biex ħadu 'Self Government' jew 'Responsible Government'."

1.1 Għaliex ix-xewqa tal-Maltin li jingħaqdu ma' l-Ingliżi nqatgħet fl-1814?

________________________________________

________________________________________ (2)

1.2 Għaliex taħseb li l-Maltin stennew li jkunu ttrattati aħjar mill-Ingliżi?

________________________________________

________________________________________ (2)

1.3 X'kien il-Kunsill Popolari? ____________________________

________________________________________ (2)

1.4 X'tifhem b'Liberta' ta' l-Istampa? ____________________________

________________________________________ (2)

1.5 X'riedu l-Maltin meta talbu 'Trial by Jury'? ____________________________

________________________________________ (2)

1.6 Semmi xi Malti jew Għawdxi li fis-seklu dsatax tkellem f'isem Maltin oħra ħalli dawn jieħdu drittijiet kostituzzjonali / politiċi? ____________________________ (2)

1.7 X'inhi kostituzzjoni? ____________________________

________________________________________ (2)

1.8 Semmi xi kostituzzjoni li ħadu l-Maltin fis-seklu dsatax? ____________________________ (2)

1.9 Agħti tagħrif ċkejken fuq il-kostituzzjoni li semmejt f'1.8. ____________________________

________________________________________ (2)

1.10 Għaliex ngħidu li fl-1921 il-Maltin ħadu 'Self' jew 'Responsible' Government?

________________________________________

________________________________________ (2)

(Total: 20 marka)



**2. Studja l-istampa ta' fuq u wieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin.**

2.1 Għal liema skop inbena l-ħajt li jidher fl-istampa? ____________________ (2)

2.2 L-isem uffiċċjali tal-ħajt huwa 'Victoria Lines'. Għaliex issejjaħ hekk? ____________________

____________________ (2)

2.3 X'kien l-iskop ta' dawk it-toqob li jidhru fil-ħajt? ____________________

____________________ (2)

2.4 Ta' liema nazzjonalita' kienu s-suldati li jidhru fir-ritratt? ____________________ (2)

2.5 Taħseb li qed jippużaw għar-ritratt jew jinsabu fuq dmirijiethom? ____________________

____________________ (2)

2.6 Minn fejn u sa fejn inbnew il-Victoria Lines? ____________________

____________________ (2)

2.7 Biex jissaħħu l-Victoria Lines inbnew tliet fortijiet. Semmi tnejn minnhom.

____________________ (2)

2.8 Spjega kif il-bini tal-Victoria Lines ħalla effett fuq l-impiegi tal-Maltin.

____________________ (2)

2.9 Għala nbew il-Victoria Lines? ____________________

____________________

____________________

____________________ (4)

(Total: 20 marka)

3. X'tifhem meta tgħid "il-qagħda soċjali"? Agħti għallinqas tliet eżempji.

(5 marki)

4.1 X' kienet tkun Kummissjoni Irjali? (3)

4.2 Agħti żewġ eżempji ta' Kummissjonijiet Irjali li ġew Malta (2)

4.3 Agħti fil-qosor xi kummenti li għamlet **waħda** minn dawn il-Kummisjonijiet Irjali.

(5 marki)

(Total: 10 marki)

5.1 X'tifhem meta tgħid "Saħħa Pubblika"? (2)

5.2 Semmi tliet mardiet infettivi li mhux l-ewwel darba li ħakmu fuq Malta.
(a) (b) (ċ) (3)

5.3 X'kien ikun wieħed mill-passi li jagħmel il-gvern meta tinqala' xi marda infettiva? (2)

5.4 Liema hu l-isptar ġenerali ta' Malta llum (2)
u fejn qed jinbena wieħed ġdid? (2)

5.5 Għaliex il-kwistjoni tad-drenaġġ hija marbuta ħafna mas-saħħa pubblika? (2)

5.6 Spjega kif il-kuntratti bejn Malta u xi pajjiżi barranin setgħu ħallew effett fuq is-saħħa pubblika f'Malta? (4)

(Total : 17-il marka)

**6. Hares lejn l-istampa u wieġeb**




6.1 Spjega x'qed tara fl-istampa. (Semmi għallinqas erba' punti validi)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

6.2 Spjega kif l-istampa hija direttament jew indirettament marbuta mal-marda tad-Deni Rqiq.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

6.3 Spjega x'kellu x'jaqsam Sir Temi Żammit ma' din il-kwistjoni.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(4)

(Total: 8 marki)

**7. Agħżel mistoqsija <u>waħda</u> u wegibha fit-tul.**

7.1 X'wassal għall-irvellijiet tas-Sette Giugno?
X'kienu dawn l-irvellijiet?
X'effett ħallew fuq il-mixja kostituzzjonali ta' Malta?

7.2 Agħżel xi post storiku (palazz, ġnien, fortizza, batterija eċċ) li għandu x'jaqsam ma' dak li studjajt din is-sena. Agħti tagħrif storiku fuq il-post li tagħżel, x'importanza għandu llum, f'liema stat jinsab u kif jista' jsir użu aħjar tiegħu.

7.3 X'kienet il-kwistjoni tal-lingwa?
Għaliex seħħet u x'kienu l-konsegwenzi li ġabet magħha?

7.4 Spjega kif inbidel matul iż-żmien il-mod ta' divertiment tal-Maltin.

7.5 Spjega kif iż-żieda tal-popolazzjoni ħalliet effett qawwi fuq l-ibliet, is-subborgi u l-irħula ta' Malta.
Spjega wkoll x'kellhom x'jaqsmu flimkien iż-żieda tal-popolazzjoni u l-emigrazzjoni.

(20 marka)